**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 256/2017**

**Il-Pulizija**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Hamza Kamel El Bakoush**

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Hamza Kamel El Bakoush, detentur ta' passaport Libjan bin-numru 483423, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-27 ta' April, 2014, f'San Giljan u f'dawn il-gzejjer:

> 1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe, vettura bin-numru tar-registrazzjoni NER 007 ghad-dannu ta' Joseph Scerri u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda hi aktar minn mija u sittax –il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe, vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAK 843 ghad-dannu ta' Katrina Racheal Mumford u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu

(€1,164.69), izda iktar minn mija u sittax –il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe, vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 678 ghad-dannu ta' David Attard u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda iktar minn mija u sittax –il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli kkommetta serq ta' portmoni bi flus kontanti, dokumenti u oggetti ohra u nuccali tax-xemx tal-marka 'Marc Jacobs' minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NER 007, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Maria Scerri u/jew ta; persuna/i ohra;

5. Kif ukoll talli kkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Samsung S4 Mini, kamera tar-ritratti tal-ghamla FUJI u dokumenti u oggetti ohra minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 678, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruq u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' David Scerri u / jew ta' persuna / i ohra; u

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sitt akkuza billi din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi dwar is-serq, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha u kkundannatu ghal 30 xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Hamza Kamel El Bakoush, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-appell

billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew *in subsidum*, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' tletin xahar prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Hamza Kamel El Bakoush huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu f'dan li gej:

<u>L-ewwel aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kagunata fil-vetturi ta' Joseph Scerri, Katrina Racheal Mumford u David Attard.</u>

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano datata 24 ta' Frar, 2003, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Zahra l-istess Qorti ppronunzjat.

"L-istima maghmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet tal-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri mal-Artikolu 335 tal-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit.

Dan ifisser li l-istima maghmula mix-xhud Katrina Racheal Mumford u Jeffrey Fenech hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn l-appellant u l-parti leza u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 325, biex kellha tigi determinata l-hsara ghall-finijiet tal-Artikolu 325 (1) tal-Kodici Kriminali (moqri mal-Artikolu 335 tal-istess Kodici) din riedet:

(i) Jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew

(ii) Il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew

(iii) Billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara.

.

F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit, il-hsara ma gietx apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li l-gudikant ma tifhimx bizzejjed biex tista' tiddetermina hija stess l-ammont tal-hsara ghax lanqas ezaminat l-vetturi in kwistjoni u l-parti leza ma qalitx kemm effettivament hallset biex saret it-tiswija fil-vettura.

<u>It-tieni aggravju huwa li qed jigi kontestat mill-appellant il-hames element, u cioe', dak li l-Carrara jidentifika bhala "l'animo di farne lucro", jew l-"animus furandi"</u>.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono, datata 30 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Galea u Paul Galea l-istess Qorti ppronunzjat;

"Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma wkoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh."

Illi f'dan il-kaz ma giex pruvat li l-appellant kellu l-intenzjoni li jaghmel xi qliegh. Dan ifisser li ma giex ippruvat ir-reat tas-serq fil-konfront tal-appellant.

Kif jghid il-CARRARA [op. cit. Vol. IV, para. 2035:-

"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."

u l-CRIVELLARI jghid:-

"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958, Vol. 2, p.305] jispjega hekk:-

"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self…"

u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para. 1843 jghid:-

"il profitto… deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell' ampio senso della parola."

u aktar isfel:-

"… per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del

patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."

Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma wkoll irriteniet li:-

"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembr, 1916 – Bollett Pen. 1917, p.140]

Il-Professur Mamo jzid jelabora [op. cit]

"… it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised… Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (eg. Because he restores the thing)… the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases"

L-istess jghid MAINO [op. cit. para 1844]:-

"Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto."

Ghalhekk, fil-konfront tal-appellant naqas l-element importanti tal-"animus furandi" jew tal-"animo di farne lucro" mehtieg biex jissusisti r-reat ta' serq.

<u>It-tielet aggravju hu li ma gietx pruvata l-kwalifika tal-hin.</u>

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano, datata 10 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Brian Agius, l-istess Qorti ppronunzjat:

"L-appellant jilmenta wkoll li ma gietx pruvata l-kwalifika tal-hin. Hawnhekk, l-appellant ghandu ragun. Peress li r-reat ta' serq huwa reat istantanju u mhux reat permanenti, il-hin relevanti huwa ta' meta sar it-tehid tal-haga u mhux ta' meta l-oggett gie misjub fil-pussess tal-halliel. F'dan ir-rigward, l-uniku accenn ghall-hin ta' meta sar it-tehid jinsab fid-deposizzjoni ta' PC 1547 John Debattista (fol.34) li pero' kien qed jixhed dwar x'qallu haddiehor, b'mod ghalhekk li dik il-parti tad-deposizzjoni dwar il-hin tas-serq hija hearsay. Ghalhekk, l-aggravju dwar din il-kwalifika ser jigi milqugh."

Dan ifisser li l-hin relevanti huwa ta' meta sar l-allegat tehid tal-portmoni bil-flus kontanti, tad-dokumenti, tan-nuccali tax-xemx, tal-mobile phone, u tal-camera tar-ritratti u mhux meta dawn l-oggetti allegatament gew misjuba fil-pussess tal-appellant. F'dan ir-rigward, l-uniku accenn ghall-hin ta' meta sar l-allegat tehid jinsab fid-deposizzjoni ta' PC 1200 Keith Tufigno li pero xehed

dwar kif waqt patrol f'Paceville kienu lemhu allegatament lill-appellant f'vettura, b'mod ghalhekk li dik il-parti tad-deposizzjoni dwar il-hin ma tistax tiddetermina l-hin tal-allegat serq.

Ir-raba' aggravju hu li ma gietx pruvata l-kwalifika tal-valur.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman datata 29 ta' Dicembru, 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi ppronunzjat:

"Hemm punt li din il-Qorti thoss li ghandu jmur a favur l-akkuzat, u cioe', l-valur tal-mobile. Il-vittma donnha b'impressjoni li l-valuta hija identika, titkellem fuq prezz ta' $200 u ta' Lm 200. Anke jekk fl-istess nifs tghid li xtrat mobile ghal valur ta' Lm 200, pero' din il-Qorti in linea mal-massimu "in dubbio pro reo" tqis li l-valur tal-mobile ghandu fin-nuqqas ta' provi ulterjuri jkun ta' $200.

Dan ifisser li l-valur tal-flus kontanti fil-portmoni, tan-nuccali tax-xemx, tal-mobile phone u tal-camera tar-ritratti ghandu jkun preciz u mhux suppozizzjoni. Illi x-xhieda ta' Maria Scerri, li tghid li hadilha nuccali tax-xemx li kien jiswa xi €300 u wallet li kien fih mal-€100 u David Attard li xehed li kellu diversi credit notes, camera u xi €22, m'humiex prova sufficjenti rigward il-valur ghax il-kliem xi u mal huwa biss supposizzjonijiet u kalkoli u mhux valur preciz u ghalhekk din il-Qorti in linea mal-massimu '"in dubio pro reo" ghandha tqis li l-valur ma giex pruvat fin-nuqqas ta' provi ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti jirriżulta illi nhar is-27 ta' April tas-sena 2014 fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, l-pulizija rċevew tlett rapporti minn ghand certu Maria Scerri, Katrina Racheal Mumford u Joseph Attard, fejn dawn allegaw illi matul l-istess lejl, xi ħadd kien kissrilhom il-ħġiega tat-tieqa tal-vetturi tagħhom li kienu hallewhom ipparkeggjati fl-akwata ta' Triq San Ġorġ ġewwa Paceville. Minn dawn il-vetturi kienu instabu neqsin xi oggetti. Nel frattemp il-pulizija kienu arrestaw persuna li kien instab ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAF678, propjeta ta' certu

David Attard fejn ġie nnutat li din il-vettura kellha l-ħġieġa miksura u kienet ġiet innutata ġebla li x'aktarx setgħet intużat sabiex inkiseb access ghal gewwa l-vettura. Dan l-individwu kien ġie identifikat mill-pulizija bħala l-appellant li meta mitkellem fuq il-post stqarr li kien qed jistenna lit-tfajla tiegħu wara li kellhom argument u peress li ma kellux iċ-ċavetta tal-karrozza kien aċċeda għaliha billi kisrilha l-ħġieġa. Madankollu minn aktar stħarriġ li sar u meta saret tfittxija kemm fuq il-persuna tal-appellant kif ukoll f'baskett li kien fil-pussess tiegħu, l-pulizija sabu diversi oġġetti li kienu jikkonsistu minn parti mir-*res furtiva* li kienet irrapurtata misruqa fl-istess lejl mill-kwerelanti. Infatti rriżulta wkoll li l-vettura li kien instab fiha l-appellant kienet tappartjeni lil David Attard li meta ġie mitkellem mill-pulizija kien ikkonferma li xi oġġetti kienu insterqulu mill-vettura tiegħu. Mhux biss, izda ġewwa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GAK843, appartenenti lil Katrina Racheal Mumford, instab *jersey* li ma kienx tal-kwerelanti jew ta' sħabha. Dan il-flokk fil-fatt aktar tard irrizulta li kien jappartjeni lill-istess appellant. Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti fejn wara li ġew eżebiti stimi ta' ħsarat u nstemgħu il-provi tal-kwerelanti fost oħrajn, l-appellant instab ħati tal-akkużi tas-serq u ta' ħsara volontarja kif miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant iqanqal diversi aggravji li jikkritikaw id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti marbuta mas-sejbien ta' htija kemm ghall-akkuzi marbuta mar-reat tas-serq kif ukoll dawk li fihom huwa gie mixli bir-reat tal-hsara volontarja. Dan ghaliex fil-fehma tieghu wiehed mill-elementi mehtiega sabiex jissussiti r-reat tas-serq kien mankanti u cioe' dak marbut mal-element tal-qliegħ, kif ukoll huwa tal-fehma illi l-aggravanti ghar-reat tas-serq marbuta mal-hin meta sehh l-event kriminuz u l-valur tal-oggetti misruqa lanqas ma jirrizultaw ippruvati. Ukoll l-appellant huwa tal-fehma li ma ngagħbitx prova lanqas tal-valur tal-ħsara allegatament ikkagjonata fil-vetturi tal-parti leza peress li l-prova tal-valur tal-ħsarat ma saritx skond il-liġi u r-regoli stabbiliti fil-ġurisprudenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ligi penali taghna ma taghti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq b'dan ghalhekk illi l-gurisprudenza u d-decizjonijiet tal-qrati dejjem strahu fuq dik moghtija mill-gurista taljan Carrara fejn fiha hemm inkaspulati l-elementi kollha tar-reat tas-serq, u cioe' it-tehid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti u dan bil-ghan illi jsir il-qliegħ mir-res furtiva[1]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija:

1. ***The contrectatio of a thing.***
2. ***belonging to others.***
3. ***made fraudulently.***
4. ***without the consent of the owner.***
5. ***animo lucrandi.***

Abbinata ma' din id-definzizzjoni li minnha jinstiltu l-elementi tar-reat, li l-legislatur jonqos milli jinkorpora fil-legislazzjoni, l-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali imbaghad johloq l-aggravanti ghar-reat fejn fosthom insibu l-aggravju tal-valur, tal-ħin u tax-xorta tal-ħaġa misruqa, aggravanti addebitati lill-appellant.

Issa l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' htija ghar-reat tas-serq b'mod ewlieni fuq il-provi indizzjarji u cirkostanzjali li instabu fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-pulizija. Inoltre hija qieset illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-appellant wara li gie arrestat huwa ma tax spjegazzjoni konvincenti u plawsibbli 'il ghala kien jisnab f'vettura li ma kenitx tappartjeni lilu, bil-hgiega taghha miksura u b'gebla li allegatament intuzat biex inkiseb access minnu ghall-imsemmija vettura. Lanqas fil-fehma taghha ma jaghti raguni verosimili ghas-sejbien tar-*res furtiva* fil-pussess tieghu ftit wara li gie kommess is-serq.

L-appellant wara li jiccita diversi awturi fir-rikors tal-appell tieghu jishaq illi ma saritx il-prova mill-Prosekuzzjoni tal-intenzjoni tal-qliegh element mehtieg sabiex huwa seta' jinstab hati tar-reat tas-serq. Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Dan ghaliex l-ewwel u l-iktar element importanti li irid jigi ippruvat huwa dak tal-hekk imsejjah *contrectatio* u cioe' it-tehid tal-oggett mill-

[1] '*La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro*.'

pussess tas-sid u minghajr il-kunsens tieghu u dan maghmula b'mod frawdolenti. Issa mill-provi jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant instab fil-pussess tal-oġġetti li nsterqu kemm mill-vettura li kienet misjuqa minn Maria Scerri kif ukoll David Attard u dan dakinhar stess u ftit tal-ħin wara li sehhew s-serqiet, tant illi meta Scerri kienet qedgħa l-għassa tal-pulizija hija għarrfet nuċċali tax-xemx tad-ditta li kien fost l-affarijiet li kienu nsterqu mill-vettura tagħha u dan fil-preżenza tal-appellant. Huwa indubitat ukoll illi l-appellant kiseb access ghal dawn l-affarijiet billi kisser il-ħġieġ tat-twieqi tal-karrozzi rispettivi. Mhux biss izda il-flokk li d-derubata Mumford tghid li sabet fil-vettura u li ma kienx jappartjeni lilha, kien fil-fatt tal-appellant kif jammetti hu stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu ghalkemm johloq l-istorja illi dan kien sellfu lil siehbu li ma kienx roddulu lura.

It-teorija tal-pussess reċenti ta' oggetti misruqa ukoll tohloq il-presunzjoni li l-persuna li fil-pussess taghha instabet ir-res furtiva huwa hati tas-serq:

> **"Hu evidenti li meta oggetti misruq jinstabu, fi zmien qasir wara li jkun sar is-serq, fil-pussess ta' xi hadd, tapplika l-hekk imsejha doctrine of recent possession. "If the accused was found in possession of goods which had recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the jury may be entitled to infer that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved: the legal burden of proof remains on the prosecutin as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected" (Blackstone). Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi min jiehu pussess ta' xi oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru illi dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbandunat minn sidu jikkommetti serq.[2]**

Kwindi kemm in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ li seħħew kif ukoll ta' din it-teorija, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal sabiex tiddeduċi li l-appellant huwa filfatt ħati tas-serq. Dan ghaliex r-*res furtiva* instabet fil-pussess tieghu ftit hin wara li insterqet u l-appellant ma jaghtix spjegazzjoni ghal dan il-fatt. Huwa indubitat allura illi l-oggetti gew mehuda mill-pussess tas-sidien minghajr il-kunsens taghhom u dan wara li l-appellant kiseb access ghal vetturi taghhom billi kisser hgiega b'gebla li ukoll instabet fil-pussess tieghu. Mhux biss izda huwa sahansitra instab f'wahda mill-vetturi involuti f'dawn is-serqiet. Il-presunzjoni ta'

[2] Il-Pulizija vs Carmel Debono deċiża fl-1 ta' Novembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ippresedut mill-Imħallef Vincent Degaetano.

fatt ghalhekk tohrog wahedha minn dawn il-fatti probatorji. Fuq kollox l-appellant jidher li mhux qed jichad illi l-oggetti misruqa instabu fil-pussess tieghu, izda donnu qed ighid biss illi gjaldarba ma hemmx prova illi dawn ittiehdu minnu bl-iskop li jaghmel qliegh minnhom, allura ma jistax ikun hati tar-reat tas-serq. Madanakollu lanqas ma igib 'il quddiem xi mottiv iehor li seta' wasslu biex ikisser il-hgieg ta' tlett karozzi u jiehu l-oggetti minn gewwa fihom! Fuq kollox il-qliegħ li l-Carrara jaghmel referenza ghalih bhala wiehed mill-elementi tar-reat tas-serq ma jfissirx biss qliegħ monetarju iżda anki s-sempliċi użu u tgawdija tal-oġġett jikkostitwixxi forma ta' qliegħ. Ghal dawn il-motiv ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jikkontendi wkoll li ma tressqux provi marbuta mal-aggravju tal-ħin u tal-valur ghar-reat tas-serq. Jgħid l-appellant illi l-ħin irid jirrispekja dak tar-reat u mhux meta is-serqa tiġi rrapurtata filwaqt li għar-rigward il-valur l-appellant stqarr illi dan ma jridx ikun wieħed approssimattiv iżda speċifiku.

Illi l-valur tal-ħaġa misruqa jirrendi r-reat tas-serq aktar oneruz meta fit-termini ta'l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, il-valur tal-oġġett misruq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Dan l-aggravju jiġi punit b'iktar severita' imbaghad jekk il-valur tar-*res furtiva* jkun jiskorri l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37). Fir-rigward l-aggravju tal-ħin, l-artikolu 270 tal-Kodiċi Kriminali imbaghad jirrendi r-reat iktar gravi meta s-serq isir bil-lejl speċifikatament bejn tlugħ u nżul ix-xemx.

Illi jibda biex jinghad illi l-parti leża kollha jaghtu lill-pulizija il-ħin approssimattiv ta' meta seħħ l-akkadut. Jidher li f'kull wieħed minnhom l-inċident allegatament seħħ fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu, senjatament bejn it-tlieta u l-erbgħa u nofs ta' filgħodu dakinhar tas-27 ta' April 2014 filwaqt li r-rapporti rispettivi ġew intavolati ftit tal-ħin wara ukoll matul il-lejl jew kmieni filgħodu. Infatti skond ir-rapport PIRS konċernanti Maria Scerri[3] jidher li l-ħin tal-inċident ġie ndikat bejn it-tlieta u nofs u l-

[3] Folio 57 tal-atti.

erbgħa u kwart ta' filgħodu filwaqt li skond dak indikat minn David Attard[4], jidher illi huwa kien ipparkeggja l-vettura tieghu ghal habta tat-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija u allura huwa zgur li s-serqa sehhet wara inzul ix-xemx. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, m'hemm l-ebda dubbju li l-allegati serqiet seħħew fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu, speċifikatament matul il-lejl u dan kemm wara nżul ix-xemx kif ukoll qabel tlugħ ix-xemx u konsegwentement l-aggravju tal-ħin ġie ppruvat.

Illi fir-rigward tal-aggravju tal-valur tal-ħaġa misruqa, ix-xhieda kif prodotta tal-parti leża/kwerelanti jixdu dwar il-valur ta' xi uħud mill-oġġetti li nsterqulhom fejn fiż-żewġ serqiet, il-vittmi jindikaw effetti li kienu jeżorbita l-valur ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li huwa l-valur li jrid jinqabeż sabiex dan l-aggravju jissusisti. Fil-każ ta' Maria Scerri hi stqarret li n-nuċċali li serqilha l-appellant kien tad-ditta Marc Jacobs u kkwantifikat il-valur bħala madwar €300. Mill-banda l-oħra skond dak li xehed David Attard, hu safa misruq *camera* tar-ritratti tal-marka Fuji kif ukoll telefon ċellulari tad-ditta Samsung u dan apparti xi flus kontanti.

Issa skond is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Cutajar il-Qorti tal-Appell diversament ippreseduta irriteniet is-segwenti:

> **Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u ddewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati. Fic-cirkostanzi tal-kaz de quo, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li ghandha tbiddel fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni.[5]**

Certament l-Ewwel Qorti ghalhekk, anke abbazi tal-bwon sens, setghet tasal ghal konkluzjoni illi nuccali tax-xemx ta' marka rinomata, telefown cellulari u camera tar-ritratti certament jeccedu l-valur indikat fil-ligi li mhuwiex xi wiehed ezorbitanti ta'

---

[4] Folio 48 tal-atti.

[5] Deċiża nhar it-23 ta' Settembru 2005 mill-Imħallef Vincent Degaetano. Ara wkoll Pulizija vs Lorita Pace deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2006 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jilmenta wkoll dwar is-sejbien ta' ħtija ghar-reat tal-ħsarat volontarji li skond l-appellant ma jissusistux peress li ma tressqitx il-prova tal-valur. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-istimi eżebiti mill-kwerelanti jikkostitwixxu opinjoni *ex parte* u *ergo* m'għandhomx il-validita' legali rikjesta.

Illi l-akkuza taqa' fil-parametri imfassla fis-subinciz (1)(b) ghall-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u cioe' dik tal-hsara ghal valur ta' bejn l-mija u sittax Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu u l-elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu f'kull waħda mis-serqiet, liema dispost tal-ligi kien applikabbli fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat billi dan gie emendat fis-sena 2014.[6]

Illi l-ewwel u qabel kollox din il-Qorti tippuntwalizza li x-xiehda tal-kwerelanti mhijiex prova *ex parte* iżda semmai tikkostitwixxi xiehda tal-parti leża li resqu l-prova tal-valur tal-ħsarat ikkaġjonati u li fil-każ tal-vettura misjuqa minn Katrina Racheal Mumford (GAK843) u dik misjuqa minn David Attard (LAF678) ġew ippreżentati stimi li ġew debitament ikkonfermati minn min għamilhom jew mir-rappreżentanti tal-istess.[7] Fir-rigward tal-vettura misjuqa minn Maria Scerri (NER007) l-unika referenza li saret għall-ħsarat ikkaġunati jinstabu fir-rapport PIRs konċernanti l-vettura in kwistjoni u liema rapport ġie kkonfermat mill-istess xhud quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-appellant jaghmel referenza ghal tlett metodi kif il-ħsara tista tiġi kkwantifikata ai fini tal-prova tal-akkużi taħt l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali u dan kif stabbilit fid-decizjoni il-Pulizija vs Joseph Zahra, u ċioe billi *(i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm*

[6] L-Att in kwistjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014 u ċioe wara l-allegati reati f'dan il-każ.
[7] Ara x-xhieda ta' PL Edgar Montanaro a folio 68 kif ukoll dik ta' Jeffrey Fenech a folio 81 entrambe datati is-7 ta' April 2016.

*effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara.*[8]

Illi l-Qorti madanakollu f'dik id-decizjoni stabbilit dawn il-kriterji sabiex il-hsara tigi ikkwantifikata **<u>biss</u>** meta ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet. Issa minn ezami tal-atti ma jidhirx illi l-appellant ikkontesta l-valur tal-hsarat kif imressqa mill-prosekuzzjoni tant illi fl-ebda hin ma talab lill-Ewwel Qorti tahtar perit sabiex jikkwantifika din il-hsara. Huwa biss issa fi stadju ta' revizjoni li qed jishaq illi l-prova maghmula ta' dawn il-hsarat ma kenitx ammissibbli billi, fil-fehma tieghu, din kienet opinjoni *ex parte*. Illi kif diga' inghad l-Qorti ma taqbilx ma din l-affermazzjoni billi l-prova saret permezz ta' xhud li sofra il-hsara, liema hsara giet ikkonfermata mill-persuna jew persuni inkarigati ghat-tiswija tal-istess. Fuq kollox il-gudizzju finali huwa imholli f'idejn il-ġudikant li jista' jagħmel apprezzament tal-prova in kwistjoni minn jeddu u juża l-esperjenza tiegħu sabiex jasal sabiex jiddeċiedi jekk il-valur tal-ħsara filfatt jidħolx fil-parametri tal-valur indikat u dan mingħajr il-ħtieġa ta' xi ħila speċjali. Illi jerga' jinghad illi il-minimu tal-valur tal-hsara indikat fil-ligi ta' €116.47 mhuwiex xi valur ezorbitanti tant illi l-Qorti tista' facilment tasal biex tistabbilixxi jekk dan il-minimu ta' hsara jirrizultax. Għaldaqstant anki l-aggravju konċernanti l-akkużi tal-ħsarat volontarji qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi finalment, ghalkemm l-appellant fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell jagħmel talba alternattiva marbuta mal-*quantum* tal-piena inflitta, madanakollu ma iressaq l-ebda sottomissjonijiet in sostenn tagħha u kwindi gjaldarba l-piena mposta fuq l-appellant qedgħa fil-parametri tal-liġi u tenut kont tar-reati li tagħhom huwa gie misjub ħati din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

---

[8] Pulizija vs Joseph Zahra, deċiża nhar l-24/02/2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imħallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur